



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2013
SWD(2013) 261 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal
REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

dwar l-Impriża Konġunta Ċelluli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2

{COM(2013) 506 final}
{SWD(2013) 260 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-Impriża Konġunta Ċelluli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2

1. L-GĦAN, IL-PROĊEDURI U L-KONKLUŻJONI EWLENJA TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

1. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jqis l-alternattivi ta' politika differenti għall-implimentazzjoni tal-programm tar-riċerka u l-innovazzjoni taċ-Ċelluli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH) fil-qafas ta' Orizzont 2020, minħabba li qed joqrob tmiem l-Impriża Konġunta FCH (IK) u jridu jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar x'inhu l-pass li jmiss. L-alternattivi ta' politika kkunsidrati huma:

- PO1: Titkompla s-Sħubija Pubblika-Privata FCH fil-forma attwali (l-Impriża Konġunta) fi ħdan Orizzont 2020. Dan huwa x-xenarju bażiku li fid-dawl tiegħu l-alternattivi l-oħra kollha qegħdin jiġu vvalutati;
- PO2: Jintużaw proġetti ta' riċerka kollaborattivi taħt il-Programm Qafas tal-UE Orizzont 2020, u għalhekk ma tiġix estiża IK FCH attwali;
- PO3: Jiġi implimentat Orizzont 2020 għat-teknoloġiji FCH permezz ta' sħubija Pubblika-Privata Kuntrattwali;
- PO4: Tiġi implimentata Sħubija Pubblika-Privata FCH permezz ta' Impriża Konġunta modernizzata adattata għal Orizzont 2020.

2. Fl-analiżi, l-istess kontribuzzjoni globali tal-UE ġiet preżunta għall-alternattivi kollha.

3. Mit-tqabbil tal-alternattivi ta' politika differenti, ġie konkluż li PO4 hija l-aktar alternattiva effiċjenti biex jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-problemi u jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati. Din il-valutazzjoni hija appoġġjata mir-riżultati minn konsultazzjoni mal-partijiet interessati u konsultazzjoni pubblika.

4. Fit-tħejjija ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt, il-Kummissjoni kkonsultat l-industrija u l-komunitajiet tar-riċerka, l-Istati Membri u l-pubbliku ġenerali. Dan sar permezz ta' laqgħat, sħarriġiet u konsultazzjonijiet. Tnieda studju ta' partijiet interessati dwar ix-xejriet f'termini ta' investimenti, l-impjiegi u l-fatturat fis-settur taċ-ċelluli tal-fjuwil u l-idroġenu. Barra minn hekk, f'Lulju 2012 tnediet konsultazzjoni pubblika biex jinġabru l-fehmiet ta' partijiet interessati oħra u l-pubbliku ġenerali.

2. DEFINIZZJONI U KUNTEST TAL-PROBLEMA

5. Fl-2009 l-Unjoni Ewropea adottat sett ta' leġislazzjonijiet (magħrufa bħala “*Il-Pakkett għall-Klima u l-Enerġija*”), li jistabbilixxi sensiela ta' għanijiet ewlenin tal-enerġija għall-2020 b'impenji vinkolanti mill-Istati Membri: li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'20 %, sa 30 %, permezz tal-kundizzjonijiet xierqa li

jippermettu dan; li jiżded is-sehem tal-enerġija rinnovabbli għal 20 %, u li jsir titjib ta' 20 % fl-effiċjenza tal-enerġija. Din il-politika dwar l-enerġija hija ta' kontribut importanti biex jintlaħaq l-għan tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

6. Il-Pjan Direzzjonali 2050, adottat mill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2011, jespjora r-rotot lejn sistema tal-enerġija sigura, kompetittiva u dikarbonizzata sal-2050. Il-Pjan Direzzjonali jenfasizza r-rwol importanti li għandu jitwettaq billi minflok jibda jsir użu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-elettriku jibda jiġi mmaniġġjat b'modi ġodda u jkun hemm bidla għall-użu ta' fjuwils alternattivi, inkluż l-idroġenu.
7. Fit-23 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni adottat Konsumazzjoni *"Enerġija Nadifa għat-Trasport: Strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi"* li kienet akkumpanjata minn proposta leġislattiva li tistipula miri vinkolanti għall-bini ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi minimi; b'enfasi speċjali fuq l-istandards komuni. L-idroġenu huwa wieħed mill-fjuwils alternattivi inklużi fil-Pakkett.
8. L-idroġenu, bħala trasportatur tal-enerġija nadifa, u ċ-ċelluli tal-fjuwil bħala konvertituri tal-enerġija effiċjenti, huma teknoloġiji li joffru alternattiva għal sistemi nodfa li jnaqqsu l-emissjonijiet, isaħħu s-sigurtà tal-enerġija, u jstimulaw l-ekonomija. L-applikazzjonijiet potenzjali tagħhom jinkludu għadd ta' setturi strateġiċi, bħal pereżempju l-ġenerazzjoni tal-enerġija u t-trasport bl-art, u huma mistennija li jikkontribwixxu l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-UE fit-tul.
9. Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea ilha tappoġġja ir-riċerka u l-iżvilupp f'teknoloġiji taċ-ċelluli tal-fjuwil u tal-idroġenu sa mill-bidu tal-Programmi Qafas tal-UE (FP) biż-żieda tal-livelli ta' finanzjament maż-żmien (eż. EUR 145 miljun fil-FP5, EUR 315 M fil-FP6).
10. Fl-2008, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 521/2008 stabbilixxa l-impriża konġunta għaċ-Ċelluli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH) impiża konġunta (IK FCH) għal perġodu li jimtemm fil-31 ta' Diċembru 2017, stabbilita bħala PPP b'kofinanzjament ta' 50/50 bejn iż-żewġ membri fundaturi, il-Kummissjoni Ewropea u l-Grupp Industrijali FCH. Ftit wara t-twaqqif tal-IK FCH, il-Grupp tar-Riċerka sar membru. Il-kontribuzzjoni massima tal-UE għall-IK FCH hija ta' EUR 470 miljun.
11. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar Orizzont 2020 tippredvi attivitajiet li jappoġġjaw it-teknoloġiji FCH taħt l-Isfida Soċjetali "Enerġija sigura, nadifa u effiċjenti" u "Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat".
12. Għalkemm is-settur FCH huwa żgħir, huwa ta' importanza strateġika minħabba l-effett potenzjali tiegħu pereżempju fuq l-industrija Ewropea tal-vetturi. Huwa stmat li sal-2040-2050, 10-15 % tal-karozzi kollha mmanifatturati fl-UE se jkun bbażati fuq il-kunsill fiskali. Jekk l-Ewropa ma ssirx fornitur kompetittiv tat-teknoloġiji tal-FCH, dan iwassal għal telf sinifikanti ta' impjiegi fl-industrija awtomobilistika Ewropea.
13. Għalhekk jeħtieġ li diversi sfidi teknoloġiċi u relatati mal-kostijiet jingħelbu. Minkejja l-progress li sar f'dawn l-aħħar snin, il-livell ta' prestazzjoni, l-affidabbiltà u l-ispiża meħtieġa għal mobilizzazzjoni fuq skala kbira f'ħafna applikazzjonijiet għadu ma ntlaħaqx u se jkun meħtieġ sforz sostnut fir-R&Ż sal-2020 sabiex dawn is-soluzzjonijiet ikunu kompetittivi ma' teknoloġiji eżistenti.

14. Il-kawżi sottostanti tal-problemi huma l-falliment tas-suq għall-innovaturi, l-irfid subottimu ta' finanzjament disponibbli, u l-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' massa kritika.
 - *Falliment tas-suq.* Il-mobilizzazzjoni sħiħa u l-kummerċjalizzazzjoni taċ-ċelluli tal-fjuwil, qiegħda prinċipalment tiġi mxejnkla minn (1) l-ispiża għolja taċ-ċelluli tal-fjuwil u (2) in-nuqqas ta' infrastruttura tad-distribuzzjoni tal-idroġenu. Din il-problema tat-"tiġieġa u l-bajda" tagħmilha diffiċli għal xi attur li jipprova jmidd l-ewwel pass. Barra minn hekk, il-benefiċċji soċjetali u ambjentali li jirriżultaw minn dawn it-teknoloġiji ma jistgħux jiġu "internalizzati" u stmati fi flus fuq medda qasira ta' żmien. Mhux se jkun possibbli li dawn l-isfidi jingħelbu permezz tal-forzi tas-suq waħedhom jew permezz ta' inizzjattivi pubbliċi u privati mifruxa biss.
 - *Bżonn ta' ingranaġġ tal-fondi disponibbli.* Id-daqs u l-ambitu tal-aġenda tar-riċerka industrijali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji FCH matul l-2014-2020 jmorru lil hinn mis-setgħat ta' kumpaniji individwali jew Stati Membri, f'termini ta' impenn finanzjarju u l-kapaċità tar-riċerka involuti.
 - *Il-frammentazzjoni u nuqqas ta' massa kritika.* Is-settur huwa mxerred ma' pajjiżi, oqsma ta' attività (l-enerġija, it-trasport) u atturi differenti. Dan jillimita l-iskambju u l-għbir flimkien ta' għarfien u esperjenza. Jeħtieġ koordinazzjoni fil-livell tal-UE tal-attivitajiet tal-Partijiet Interessati FCH differenti.
15. L-IK FCH eżistenti stabbilixxiet portafoll tal-proġetti sinifikanti ta' importanza strateġika. L-introduzzjoni fis-suq intlaħqet għal xi applikazzjonijiet bikrin bħall-forklifts u unitajiet żgħar ta' riżerva ta' enerġija. Għaż-żewġ applikazzjonijiet tal-enerġija u t-trasport sar progress sostanzjali. Dan ħeġġeġ wkoll l-industrija, l-Istati Membri u l-komunità tar-riċerka sabiex jimpenjaw iktar mir-riżorsi tagħhom stess. L-industrija u l-parteċipazzjoni tal-SMEs huma stabbli u kienu ferm oġhla minn dawk tal-FP7.
16. L-ewwel evalwazzjoni *interim*, iffinalizzata fl-2011 bl-għajnuna ta' esperti indipendenti, ikkonkludiet li l-approċċ tal-IK ġeneralment jirnexxilu jsaħħaħ l-attivitajiet pubbliċi-privati fl-iżvilupp u t-turija tat-teknoloġija, u jipprovdi l-istabbiltà għall-komunità tar-R&Ż. L-għanijiet tekniċi globali tal-IK FCH ġew iġġudikati bħala ambizzjużi u kompetittivi.

3. L-GĦANIJET

17. L-għan ġenerali tal-Impriża Konġunta FCH 2 għall-perjodu 2014-2024 huwa li fl-Unjoni jiġi żviluppat settur taċ-ċelluli tal-fjuwil u tal-idroġenu globalment qawwi, sostenibbli u kompetittiv. Dan jippermetti l-appoġġ għall-politika tal-UE dwar l-enerġija sostenibbli u t-trasport, it-tibdil fil-klima, l-ambjent u l-kompetittività industrijali kif inkorporati fl-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir, u jgħin biex tinkiseb il-mira kumplessiva tal-UE ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.
18. Għalhekk l-għan ġenerali ta' hawn fuq jissarraf f'dawn l-għanijiet operazzjonali li ġejjin, u li għandhom jintlaħqu sal-2020:

L-għanijiet speċifiċi

- Titnaqqas l-ispiża tal-produzzjoni tas-sistemi taċ-ċelluli tal-fjuwil li għandhom jintużaw f'applikazzjonijiet fit-trasport, filwaqt li ħajjithom tiżdied għal livelli kompetittivi mat-teknoloġiji konvenzjonali,

- Tiżdied l-effiċjenza elettrika u t-tul ta' żmien (durabbiltà) ta' ċelluli differenti tal-fjuwil użati għall-produzzjoni tal-enerġija, filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż, għal livelli kompetittivi ma' teknoloġiji konvenzjonali,
- Tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettrożi għall-ilma filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż kapitali, biex b'hekk il-kombinazzjoni tal-idroġenu u s-sistema taċ-ċelluli tal-fjuwil tkun kompetittiva mal-alternattivi disponibbli fis-suq, u
- fuq skala kbira tintwera l-fattibbiltà tal-użu tal-idroġenu bħala appoġġ għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tal-enerġija ġodda, inkluż permezz tal-użu tiegħu bħala mezz kompetittiv ta' ħżin tal-enerġija għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

L-għanijiet operazzjonali

- L-ingranar tal-investment privat u pubbliku (inklużi l-Istati Membri) għar-R&Ż u l-innovazzjoni rigward teknoloġiji FCH li jiswew mill-anqas darbtejn daqs il-kontribut tal-UE.
- Tinżamm, u jekk ikun possibbli, tiżdied il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-attivitajiet b'25 % jew aktar.
- Jiġi sfruttat il-potenzjal tal-eċċellenza u l-innovazzjoni fl-Istati Membri u r-Reġjuni — b'mod partikolari dawk li jibbenefikaw mill-fondi strutturali tal-UE — fil-qasam tat-teknoloġiji tal-FCH billi jilqgħu proġetti tat-turija FCH.
- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-programm FCH, b'mod partikolari billi jitqassar iż-żmien li jittieħed sa ma tingħata għotja u ż-żmien li jittieħed sa ma jingħata l-ħlas b'mod sostanzjali.

4. L-ALTERNATTIVI TA' POLITIKA LI ĠEW MEQJUSA

19. F'din il-Valutazzjoni tal-Impatt, jiġu diskussi erba' alternattivi ta' politika għall-organizzazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni dwar iċ-Ċelluli tal-Fjuwil u l-Idroġenu matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2014-2020. L-alternattiva “ebda azzjoni mill-UE” biex ma jitkomplix l-iffinanzjar għar-riċerka pubblika fil-livell Ewropew ġiet skartata; ir-riċerka għaċ-ċelluli tal-fjuwil u l-idroġenu hija inkluża fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 bħala parti mill-isforz biex jiġu żviluppati teknoloġiji ewlenin għal sistemi tal-enerġija u t-trasport sostenibbli. L-erba' alternattivi ta' politika (PO) li ġew meqjusa huma:

- PO1: Is-sħubija pubblika-privata taċ-ċelluli tal-fjuwil u l-idroġenu fil-forma attwali (l-Impriża Konġunta) taħt Orizzont 2020 (xenarju taż-żamma tal-*istatus-quo*)

Ix-xenarju taż-żamma tal-*istatus quo* jiddependi fuq il-kontinwazzjoni tal-IKs taħt Orizzont 2020 billi bħalissa jeżistu taħt is-7 Programm Kwadru, jiġifieri jżommu l-ambitu u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni attwali tagħhom (tmexxija, regoli finanzjarji, regoli dwar l-iffinanzjar, eċċ.)

- PO2: L-użu tal-proġetti ta' riċerka kollaborattiva taħt il-Programm Qafas tal-UE Orizzont 2020, u għalhekk ma jiġix estiż l-IK FCH attwali

Ir-R&Ż jkunu implimentati permezz ta' skemi ta' finanzjament standard tal-Programm Qafas tal-UE u, separatament, permezz ta' programmi nazzjonali u

reġjonali. Il-komitoloġija terġa' tiġi introdotta. L-appoġġ pubbliku tal-UE jkun jiddependi fuq il-baġits annwali jew bijennali u l-programmi ta' ħidma, u ma jkunx garantit. L-industrija u l-atturi ta' riċerka ma jibqgħux isiru parteċipanti fl-istabbiliment tal-prijoritjiet tal-programm u l-iskedi taż-żmien tiegħu.

- PO3: Jimplimenta l-Orizzont 2020 għal teknoloġiji taċ-ċelluli tal-fjuwil u l-idroġenu permezz ta' sħubija pubblika privata kuntrattwali

Fi Sħubija Pubblika-Privata kuntrattwali, is-servizzi tal-Kummissjoni jew aġenzija eżekuttiva jamministraw proġetti fil-qafas ta' programmi tax-xogħol suċċessivi. Jiġi ffirmat arranġament kuntrattwali tal-PPP bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet interessati rilevanti. Il-partijiet interessati tal-industrija u r-riċerka jintalbu konsulenza b'mod formali dwar l-ambitu u l-għanijiet tal-programm, iżda ma jiddux deċiżjonijiet flimkien. Ma setax jiġi ggarantit livell stabbli u kostanti ta' appoġġ pubbliku tal-UE għat-teknoloġiji FCH, għax kieku l-baġit ikun soġġett għal deċiżjoni annwali, anki jekk jiġi indikat baġit globali għall-perjodu 2014-2020.

- PO4: L-isħubija pubblika-privata taċ-ċelluli tal-fjuwil u l-idroġenu permezz ta' impriża konġunta modernizzata adattata għal Orizzont 2020

“IK modernizzata” se tippermetti orjentament mill-ġdid tal-għanijiet u l-attivitajiet tal-IK FCH, l-istrutturar tal-programm madwar żewġ pilastri prinċipali ta' innovazzjoni, rispettivament iddedikati għall-enerġija u s-sistemi tat-trasport, u raggruppament ta' attivitajiet trasversali ta' riċerka. Dan jippermetti li jsir enfasi ikbar fuq l-applikazzjonijiet tal-enerġija, b'mod partikolari rigward l-użu tal-idroġenu bħala mezz ta' ħażna għal elettriku rinnovabbli, infrastruttura tal-idroġenu u varjetà ta' attivitajiet li jappoġġjaw l-introduzzjoni fis-suq. Dan jippermetti wkoll li ssir enfasi ikbar fuq turija ta' daqs kbir.

L-alternattiva “IK modernizzata” tibni fuq l-esperjenza tal-passat u tagħlimiet u tkompli ttejjeb id-disinn u l-adekwatezza tal-istrument għall-isfidi l-ġodda taħt Orizzont 2020 billi tissimplifika l-amministrazzjoni, il-proċeduri finanzjarji u r-regoli għall-partekipazzjoni. Tippermetti wkoll titjib fil-koordinazzjoni mal-Istati Membri u l-kooperazzjoni mar-Reġjuni.

5. PARAGUN TAL-ALTERNATTIVI TA' POLITIKA U IDENTIFIKAZZJONI TAL-ALTERNATTIVA PPREFERUTA

20. Billi l-PO4 hija l-unika alterattiva li tipprovdi appoġġ għal attivitajiet ta' introduzzjoni fis-suq, l-aħjar huwa li jiġi attirat ingranaġġ ulterjuri għall-azzjonijiet ta' mobilizzazzjoni mill-industrija u partijiet interessati oħra. Tipprovdi massa kritika stabbli tul il-katina ta' valur FCH, inklużi l-fornituri tal-infrastrutturi u tal-idroġenu, li tiffaċilita l-iżvilupp simultanju tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-infrastruttura, u b'hekk tikkontribwixxi lejn ir-riżoluzzjoni tal-problema tat-tiġieġa u l-bajda.

21. L-alternattivi bbażati fuq Impriża Konġunta (PO1 u PO4) huma l-aktar effiċjenti biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-problemi sottostanti, jiġifieri jittaffa l-falliment tas-suq, u b'hekk jintrifed il-finanzjament disponibbli u tiġi pprovduta massa kritika. L-ewwel nett, it-tmexxija konġunta bejn l-industrija u l-komunità tar-riċerka u l-KE jippermettu koordinazzjoni mill-qrib u l-prijoritizzazzjoni tal-programm R&Ż, li tgħin biex jinħolqu l-aħjar prodotti, applikazzjonijiet u standards. It-tieni nett, il-pjan baġitarju u l-pjan direzzjonali fit-tul jipprovdu stabbiltà u jinkoraġġixxu l-industrija,

l-Istati Membri u l-komunità tar-riċerka biex jimpenjaw iktar mir-riżorsi tagħhom stess. Fil-perspettiva tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, is-settur privat involut f'din l-IK jistenna li jingrana investment addizzjonali ta' madwar EUR 4 biljuni. It-tielet nett, il-membri tal-gruppi IK FCH li jiffurmaw l-entitajiet ewlenin fis-settur fl-Ewropa. Dan jirrappreżenta massa kritika; punt fokali li minnu jistgħu jinbnew koalizzjonijiet, u li jista' jikkomunika b'leħen wieħed u b'saħħtu.

22. Il-paragun bejn l-alternattivi ta' politika differenti iwassal għall-konklużjoni li PO4 hija l-alternattiva l-aktar effiċjenti biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-problemi sottostanti u jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati. Il-PO4 (l-IK modernizzata) tippermetti wkoll l-inkorporazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni *interim* tal-IK FCH.
23. Din il-konklużjoni hija appoġġata ferm mill-partijiet involuti. Stħarriġ tal-partijiet interessati juri li 93 % tal-benefiċjarji huma favur it-tkomplija tal-IK. It-tweġibiet mill-Grupp Industrijali mod partikolari jidentifikaw l-IK modernizzata (PO4) bħala dik li għandha l-aktar impatt b'saħħtu. Dan huwa enfasizzat mir-riżultati mill-konsultazzjoni pubblika, li juru li l-maġġoranza ta' daww li wiegħbu jiffavorixxu l-kontinwazzjoni tal-IK b'mod modernizzat forma, jiġifieri l-PO4.

6. IMPLIMENTAZZJONI, BAĖIT U TMEXXIJA

24. Il-programm tar-riċerka u l-innovazzjoni Impriża Konġunta IK FCH 2 għall-perjodu 2014-2020 huwa strutturat madwar żewġ pilastru prinċipali ta' innovazzjoni, rispettivament ddedikati għal sistemi ta' trasport u enerġija, u raggruppament wieħed ta' attivitajiet trasversali ta' riċerka. Iż-żewġ pilastru tal-innovazzjoni għandhom erja ta' sovraponiment (sistemi ta' enerġija u trasport integrati). L-IK modernizzata se tagħmel aktar enfasi fuq l-applikazzjonijiet tal-enerġija (b'mod partikolari dwar l-użu tal-idroġenu għall-ħżin tal-enerġija elettrika li tiġġedded) u attivitajiet biex tappoġġja l-introduzzjoni fis-suq. Barra minn hekk, is-sehem tat-turija se jiżdied.
25. Il-kontribuzzjoni tal-UE massima proposta għall-IK FCH 2 hija EUR 700 miljun. Dan l-ammont ġie stabbilit sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi u operazzjonali deskritti fil-valutazzjoni tal-impatt. Il-baġit propost huwa ogħla minn EUR 470 miljun maħsuba għall-IK eżistenti. Din iż-żieda tirrifletti l-fatt li l-IK modernizzata se jkollha orjentament mill-ġdid ta' prijoritajiet, li jimplika wkoll l-iffukar mill-ġdid tal-baġit. L-iffinanzjar privat fl-IK FCH 2 se jseħħ ġewwa u barra s-sejħiet għall-proposti.
26. F'konformità mal-istruttura attwali, il-Programm IK FCH 2 huwa implimentat minn Uffiċċju tal-Programm, taħt sorveljanza tal-Bord Governattiv tal-IK FCH 2 (BG). Il-Bord ta' Tmexxija jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Grupp Industrijali (sitt siġġijiet), il-KE (tliet siġġijiet) u l-Grupp tar-Riċerka (siġġu wieħed). Il-Bord tat-Tmexxija se jsarraf l-għanijiet tal-IK fi Pjan ta' Implimentazzjoni Multiannwali u Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Annwali.
27. Il-Kummissjoni se twettaq kemm l-evalwazzjonijiet finali u l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu tal-IK FCH 2 bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Il-prestazzjoni tal-IK se tiġi ssorveljata bl-użu ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin skont l-għanijiet speċifiċi tagħha.